MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2575/2002

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John Gaffarena u l-istess John Gaffarena**

**vs**

**Emmanuel Degiovanni**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 t'Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tmienja u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm98.25), bhala risarciment ta' danni, kwantu ghal tlieta u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm23.25) lis-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited noe u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00) lil John Gaffarena, minnhom sborsati bhala konsegwenza ta'**

**incident awtomobilistiku li gara Senglea fit-8 ta' Jannar, 2002, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru KAO-814 habat mal-vettura numru V58KXP, propjeta` ta' l-attur John Gaffarena u misjuqa minnu, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**
**Oltre d-danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Gunju, 2002, dawk ta' l-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imghax legali b'effett mill-20 ta' Gunju, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher rapprezentant tieghu.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Joseph Zammit McKeon ghall-atturi li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited noe s-somma ta' tlieta u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm23.25) u lil John Gaffarena s-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00), bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Gunju, 2002 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Gunju, 2002, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------